

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Ġunju 2007

li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni 2002/499/KE marbuta ma' pjanti li jinżammu fiċ-ċokon b'mod naturali jew artiċjali ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2495)

(2007/432/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ⁽¹⁾ ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/499/KE tas-26 ta' Ġunju 2002 li tawtorizza derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE marbuta ma' pjanti li jinżammu nani b'mod naturali jew artiċjali ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea ⁽²⁾ tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE li tirrigwarda pjanti ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea, għal perjodi limitati u soġġetti għal kondizzjonijiet speċifiċi.
- (2) Ladarba għadhom jgħoddu ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw din l-awtorizzazzjoni u ma hemm l-ebda informazzjoni għida li tagħti lok għal reviżjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi estiża.
- (3) Id-Deċiżjoni 2002/499/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2002/499/KE qed tkun emendata kif ġej:

- (1) Fl-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-Artikolu 2, "2008" tinbidel u hija sostitwita b' "2010".
- (2) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

L-Istati Membri jistgħu japplikaw id-derogi msemmija fl-Artikolu 1 għal pjanti importati fil-Komunità f'dawn il-perjodi:

Pjanti	Perjodu
<i>Chamaecyparis</i> :	1.6.2004 sa 31.12.2010
<i>Juniperus</i> :	1.11.2004 sa 31.3.2005 1.11.2005 sa 31.3.2006 1.11.2006 sa 31.3.2007 1.11.2007 sa 31.3.2008 1.11.2008 sa 31.3.2009 1.11.2009 sa 31.3.2010
<i>Pinus</i> :	1.6.2004 sa 31.12.2010

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

(²) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 53. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/775/KE (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 11).